MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Kongunt Numru. 559/2014

**Ab**
**u**
**Cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament tar-rikorrenti Diana Bailey, li permezz tieghu il-partijiet ippremettew:

Illi r-rikorrenti zzewgu nhar l-24 ta' Mejju 2002, gewwa Edinburgh, l-Iskozja, skont kif jidher mill-estratt mir-Registry taz-Zwigijiet, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldu l-ebda tfal u inoltre, il-partijiet kienu kkonkludew bejniethom kuntratt ta' terminazzjni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejniethom, ippubblikat fit-18 ta' April 2007 fl-atti

tan-nutar Dottor Rachel Mallia, illi kopja awtentikata tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal iktar minn sitt (6) snin, u fil-fatt l-esponenti Nigel Wayne telaq minn Malta sabiex jghix gewwa l-Germanja (fejn ghadu jirrisjedi sal-lum) f'Mejju tas-sena 2009, u dan skont kif jista' jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok C flimkien ma traduzzjoni tieghu bil-lingwa Ingliza, ukoll hawn annessa u esebita, u mmarkata bhala Dok. D;

Illi infatti, illum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhalma ilhom issa ghal diversi snin twal, u ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, oltre l-fatt illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet illi t-tnejn li huma ghandhom il-mezzi indipendenti rispettivi taghhom. Ghal kull buon fini, il-partijiet jiddikjaraw prezenzjalment illi huma qeghdin reciprokament jirrinunzjaw ghal kwalsiasi dritt ghall-hlas ta' manteniment li jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin;

Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Illi fic-cirkostanzi, qed tigi pprezentata, kontestwalment ma dan ir-rikors odjern, nota ta' l-avukat sottoskritta ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66G tal-Kodici Civili, fejn qed jigi dikjarat illi minkejja illi hija ddiskutiet il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni maz-zewg partijiet u tathom xi ismijiet ta' persuni kwalifikati illi joffru assistenza lill-konjugi fil-process ta' rikonciljazzjoni, u minkejja wkoll illi hija spjegat lill-partijiet li huma jistghu jaghzlu illi jikkonkludu separazzjoni personali minflok jipprocedu ghall-hall taz-zwieg taghhom, il-partijiet xorta ghazlu li jipprocedu b'dan ir-rikors ghad-divorzju;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet gewwa Edinburgh, l-Iskozja nhar l-24 ta' Mejju 2002, ai termini ta' l-Artikolu 66A et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat in-nota tal-partijiet tal-24 ta' Gunju, 2015 li permezz taghha ipprezentaw kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat u konkluz bejniethom u datat 23 ta' Gunju 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn sitt snin u issa huma ukoll legalment separati;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------